

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 11.
## GiOVANNI L-BATTISTA

**Mattew 3; Mark 1:2-11; Luqa 3:1-23; Giovanni 1:15-34**



Meta Giovanni sar zaghzugh halla daru u mar jghix fid-dezert biex hemm jitqaddes qabel ma jibda jipprepara lin-nies ghall-migja tal-Messija. Huwa ma marx fl-ibliet biex ixandar il-messagg t'Alla izda baqa' fix-xaghri hdejn ix-xmara Gordan. Kien ilu ma jidher profeta fost il-poplu Lhudi sa minn zmien Malakija, aktar minn 400 mitt sena qabel, u issa kulhadd kien herqan biex jisma' lil dan il-predikatur mhux tas-soltu jxandar il-kliem ta' Alla. Huma kienu emmnu li kien profeta, mibghut minn Alla u hafna kienu jigu biex jisimghuh.

Kliem Giovanni l-Battista kien verament isahhrek. Kien jghidilhom biex jaharbu d-dnub u jaghmlu dak li kien rett quddiem Alla, ghaliex is-saltna t'Alla hija fil-qrib. Kien iqawwilhom qalbhom meta jghidilhom li s-Sultan li huma kienu jistennew qieghed f'nofshom. U dawk li kienu jistqarru dnubiethom, Giovanni kien

jghammidhom fix-xmara. U kien ghalhekk li huma laqqmuh Giovanni l-Battista.

Kull klassi ta' nies kienet trersaq lejn Giovanni biex titghammed. Fosthom kien hemm mexxejja tal-Lhud – xi Farizej u Saducej. Dawn kienu nies li kienu jaghmlu minn kollox biex jidhru qaddisa quddiem il-bnedmin. Izda Alla li kien jaqra qlubhom, ra li kienu nies suppervi u id-dnub ghadu fihom.

Alla kien jaf li huma jiddisprezzaw lill-fqar li kienu jghixu fosthom u li huma kienu jahsbu li huma qaddisa u nies tajba aktar minn haddiehor. U meta gew biex jitghammdu Giovanni gharaf li huma kienu ta' zewg ucuh.



U Giovanni qalilhom: " Min ghallimkom taharbu l-qilla t'Alla? Ma tistghux tidhlu fis-saltna t'Alla jekk l-ewwel ma tindmux minn dnubietkom." Giovanni kien jghallem lin-nies li kienu jigu quddiemu, li ghandhom ihobbu u jghinu lill- fqar, lis-sinjuri biex jaqsmu gidhom ma' min ma kellux x'jilbes u jiekol, lis-suldati biex ma jsawwtu lil hadd u jkunu kuntenti bil-hlas taghhom. Ipprova juri lil gemgha ta' quddiemu li s-saltna t'Alla hija saltna ta' paci u mhabba u maghmulha minn nies ta' rieda tajba bhal ma' l-angli kantaw fit-twelid ta' Gesu.

Il-messagg tieghu wasal ma' l-erbat irjieh tas-saltna Lhudija ghax kull min semghuh mar jghid dak li tghallem. Hafna kien qed jahsbu li kien Elija l-profeta li rega' gie fid-dinja, ghaliex huwa ma kienx jilbes bhan-nies ta' zmienu. L-ilbies tieghu kien ix-xaghar tal-gemel u l-ikel tieghu kien gradijiet u ghasel selvagg. Fuqu kellu l-ispirtu kuraggjuz ta' Elija u qatt ma beza' jxandar il-verita', anke quddiem ir-re Erodi.

Imma meta sema' dak li kienu qed jahsbu fuqu n-nies, qalilhom car u tond li hu ma kienx il-Messija. "Jiena biss vuci ta' wiehed jghajjat fid-dezert. Hejju it-trieq ghas-sultan li dalwaqt jidher fostna. Jiena ma jisthoqlix li nhollu l-qafla tas-sandli ta' saqajh. Jiena nghammidkom bl-ilma izda hu jghammidkom bl-Ispirtu Santu."

Jum wiehed jidher Kristu gej minn Nazaret lejn il-Gordan fejn Giovanni kien qed jghallem. Huwa resaq fuq il-Battista u talbu jghammdu. Izda Giovanni qallu: " Inti ghandek tghammidni u mhux jiena nghammed lilek."

"Hu mehtieg li jiena nitghammed minnek ghaliex dan hu l-pjan t'Alla." Imbaghad Giovanni ghammed lil Gesu kif kien talbu l-Iben t'Alla. Meta kien tiela' mill-ilma, deher l-Ispirtu tal-Mulej

taht forma ta' hamiema u instama' lehen mis-sema jghid: "Dan hu Ibni il-mahbub li bih jiena nitghaxxaq."

Giovanni kompla jippredka u sahansitra s-sultan Erodi gie li sema' il-priedki tieghu. Giovanni ma kienx jibza' jghid lil Erodi li dan ma kienx qed ikun ta' ezempju tajjeb lil ta' madwaru, minhabba l-hajja hazina tieghu. Ghal verita' Giovanni kien lest li jhalli hajtu. Il-mara ta' Erodi, li fil-fatt ma kienet xejn martu ghax kienet mart huh, kienet tiddejjaq tisma' lill-Battista jbaxxi lil Erodi pubblikament b'dawk it-twissijiet u xewxet lir-re biex jaqflu fil-habs. Biex jaqtaghlha xewqitha, Erodi amar li jsir hekk.

## RIFLESSJONI

GIOVANNI QEDA' IL-MISSJONI TIEGHU BL-AKTAR MOD EZATT . KIEN JIKKOREGI LIL KULHADD JEKK JEKK DAN KIEN IR-RE ERODI. GHALLEM LI META NEQIRDU D-DNUB MINN GO FINA, INKUNU QED INNADDFU RUHNA BIEX FIHA JGHAMMAR IL-MULEJ.

IN-NIES KIENU JIGU JISIMGHUH U JZOMMUH BHALA PROFETA GHALIEX FIH KIENU JARAW DAK IR-RAGEL LI DAK LI KIEN JGHALLEM KIEN IWETTQU BL-EZEMPJU. IL-KELMA TQANQAL IZDA L-EZEMPJU JKAXKAR.